**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 25**

**Data:** **22 ta' Jannar 2026**

**Hin:** **9.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

25.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

25.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

25.5 Korrispondenza u Rapporti;

25.6 Attivita' Karnival 2026;

25.7 Attivita' Valentine 2026;

25.8 Progetti u Xogholijiet;

25.9 Gemellagg;

25.10 Skeda ta' Pagamenti;

25.11 Materji ohra;

25.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**25.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

25.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

25.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

25.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li nhar it-Tnejn ser ikompli l-progett Tikka b'kollaborazzjoni mar-Regjun t'Ghawdex fejn ser isir zjara gewwa r-rahal minn studenti li jattendu l-iskola tas-Seminarju f'Ghawdex. Huwa qal li din id-darba ser ikun qieghed idur maghhom is-Sur Michael Bajada. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti l-kollaborazzjoni tieghu bhala qabel u joffri *snack* zghira lill-partecipanti.

**25.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

25.4.1 Ma kienx hemm mistqosijiet mill-Kunsilliera.

**25.5 Korrispondenza u Rapporti**

25.5.1 Is-Sindku nforma lill-membri li t-Tribunal tal-Appell tal-Awtorita' tal-Ippjanar kien wasal ghad-decizjoni dwar il-kamra tan-nar ta' fejn il-Pinnur fejn dan ma l-appell ma' inltaqax u l-permessi ma inhargux. Tonio Mifsud staqsa jekk kienx hemm xi aggiornamenti dwar il-kamra tan-nar tal-Gharb fejn is-Sindku qal li din ghadha pendent u qeghdha f'idejn l-ufficju tal-Prim Ministru.

25.5.2 Is-Sindku spjega li l-Malta Community Chest Fund ghall-ewwel darba kienet qeghda tistieden lil ghaqdiet sabiex jippartecipaw f'attivita' li ser titella' ghal zmien l-Ghid. Dawn huma mistiedna jesebixxu l-arti taghhom bhal ma hu ezempju tal-Infiorata jippreparaw infiorata. Huwa zied jghid li din l-iktar li tolqot lil dan il-grupp u li din hija attivita' li mhux ser ikun hemm ghajnuna finanzjarja ghaliha. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghti ghajnuna lilhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti l-ghajnuna galdadarba dawn jiddeciedu li jiehu sehem. Joseph Mizzi issugerixxa sabiex issir harga ghal Malta fejn isir zjara lil din l-ezebizzjoni filwaqt li Tonio Mifsud issugerixxa li issir f'gurnata tal-Hadd. Is-Sindku qal li huwa jaqbel u ssugerixxa li ssir weekend break bhala harga ghar-

residenti bejn is-26 ta' Frar u 1 ta' Marzu. Il-Kunsill qabel li ghandu jara din il-possibilita' u jeddeciedi minn hemm.

25.5.3 Giet trattata korrispondenza min-naha tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill qabel li ghandu jissieheb f'din l-assocjazzjoni.

25.5.4 Giet trattata korrispondenza minghand l-Agenzija Zghazagh fir-rigward ta' Street Art Mural Project. Il-Kunsill iddiskuta dan il-progett biex isir gewwa l-arb complex b'arti li tista' tinkludi l-pjazza, l-kabozza, l-ghonella, Frenc ta' l-Gharb, Karmni Grima, L-Isqof Nikol Cauchi jew xi bidwi bin-nghag.

**25.6 Attivita' Karnival 2026**

25.6.1 Il-Kunsill iddiskuta' l-attivita' l-Karnival li ser issir il-Hadd 8 ta' Frar fejn il-Kunsill ghandu fondi kemm minn skema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex. Il-Kunsill qabel li ghandu jkompli jahdem fuq il-program.

**25.7 Attivita' Valentine 2026**

25.7.1 Giet diskussa l-attivita' tal-Valentine li ser tigi organizzata mill-Kunsill fit-12 ta' Frar, 2026 fejn il-Kunsill inghata fondi min-naha tal-Ministeru. Il-Kunsill qabel li ghal din l-attivita' ghandha tintrama t-tinda bhas-snin precedenti.

25.7.2 Is-Sindku qal li attivitajiet ohra li ser jigu organizzati huma attivitajiet tal-ghid fejn isiru bajd tal-Ghid u l-infiorata. Is-Sindku ssugerixxa sabiex din is-sena ikun hemm jew figolla jew Bajd tal-Ghid fejn ikun hemm ghagina lesta u t-tfal jikkrejaw il-figolla. Dawn wara jistghu jissajru mill-Kunsill u jinghataw lit-tfal. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel mas-suggeriment tas-Sindku.

**25.8 Progetti u Xogholijiet**

25.8.1 Is-Sindku spejga li bhala xogholijiet il-mira principali tal-Kunsill qeghda lejn Triq Tumas Cassar. Tonio Mifsud staqsa dwar il-bankini jekk hux ser isiru fejn is-Sindku qal li bhalissa minhabba anke l-kaz li hemm quddiem l-Ombudsman huwa importanti li jitlesta l-wicc tat-triq. Wara jkunu jistghu isiru anke l-bankini. Huwa zied jghid li l-kuntrattur kien ser jipprova jaghmel it-tarmak pero' minhabba l-maltemp ma setghax jkompli bix-xoghol. Tonio Mifsud staqsa ukoll jekk hux ser isir l-ahhar layer tat-tarmak fejn gie spjegat li bhalissa ser isir l-ewwel wicc imbghad isiru l-bankini u wara jsir it-tieni wicc. Il-Vici Sindku ssugerixxa biex issir bankina iktar wiesgha minhabba li l-bankina qeghda okkupata mis-sigar. Is-Sindku nnota li jekk issir bankina wiesgha ser jitnaqqas il-parkegg fit-triq u ghaldaqstant huwa qal li l-ahjar soluzzjoni tkun dik kif giet diskussa fil-laqgha precedenti fejn is-sigar jitpoggew gewwa pots u dan jista' jsir ghaliex dawn m'humiex protetti.

25.8.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill gie moghti fondi mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex isir il-gym fl-ARB Complex. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diga ikkuntatja lil xi hadd sabiex jigbor kwotazzjonijiet pero' xorta ghad trid tinhareg l-offerta'. Huwa qal ukoll li trid issir zjara fuq il-post sabiex wiehed jara x'jista' jinkludi u ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandu jigi avvicinat espert f'din il-materja biex issir zjara fuq il-post.

25.8.3 Is-Sindku qal li fl-ahhar laqgha l-Kunsill iddiskuta il-progett li l-Kunsill jista' jaghmel mall-Gharb Rangers. Huwa innota li dak li intqal fil-laqgha gie mghoddi lir-residenti b'tali mod li nghtat impressjoni hazina lir-residenti u issa jinsabu kontra il-progett. Is-Sindku sahaq li jkun sew jekk meta xi hadd ma jkunx cert minn dak li intqal jew isaqsi jew jibaghthom il-Kunsill.

25.8.4 Is-Sindku qal li jrid jara jekk huwiex possibli li l-parti fejn hemm mahsuba l-hostel tistax isir f'post differenti u dan irid jigi diskuss mall-perit ikarigat min-naha tal-Gharb Rangers. Huwa qal li din il-hostel ha tkun qeghda ssostni l-progett u din jekk ma ssirs jista' jkollha impatt hazin fuq il-progett. Huwa qal li l-ghan huwa li jinghata ghajnuna lil NGO biex ikunu aktar sostenibbli ghax jekk ma jkollomx ghajnuna ikun hemm problemi fil-futur.

**25.9 Gemellagg**

25.9.1 Is-Sindku qal li kif gie diskuss precedentament, il-Kunsill kien f'komunikat mall-Kunsill ta' Fatima fejn issa li ghaddiet l-elezzjoni huwa urew l-intenzjoni li jiddiskutu l-possibilita' tal-gemellagg. Is-Sindku spjega li dan huwa Kunsill kbir u ghaldaqstant mhuwiex flessibli daqshekk fejn fil-fatt huma jistghu jigu mhux din is-sena imma ghall-festa ta' Ta' Pinu tas-sena 2027. Fl-istess waqt huma qalu li hemm possibilita' li l-Kunsill tal-Gharb jigi mistieden li jzur il-post f'Ottubru. Is-Sindku qal li dan il-gemellagg huwa bbazat bejn is-Santwarju ta' Pinu dak ta' Fatima. Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill juri l-possibilita' li jissiehed fl-assocazzjoni li ghandhom tas-Santwarju. Il-Kunsill qabel li ghandu jkompli bid-diskussjonijiet dwar l-iffirmar ta' dan il-gemellagg.

**25.10 Skeda ta' Pagamenti**

25.10.1 L-iskeda tal-pagamenti gie approvata.

**25.11 Materji ohra**

25.11.1 Is-Sindku qal li l-maltemp affetwa l-bus shelter ta' Triq Mongur li inkisret u giet migbura mid-Dipartimenta tal-Emergenza. Apparti din jidher li kien hemm hsarat ohra. Joseph Mizzi qal li d-dawl ta' Triq Virtu' kien bil-hsara minn meta sar il-maltemp. Is-Sindku qal li qeghdin isiru t-tiswijiet pero' qeghdin jimxu skond l-emergenza.

**25.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

25.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 24 ta' Frar fid-9.00am.

25.12.2 Il-laqgha spiccat fil-10.00AM

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv